

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000056/2014

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Franziska Keller, Nikos Chrysogelos

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: L-estensjoni tal-perjodu ta' detenzjoni fil-Greċja wara l-limitu ta' 18-il xahar bi ksur tad-Direttiva tar-Ritorn

Fl-20 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Legali tal-Istat tal-Greċja ppubblika l-Opinjoni 44/2014 tiegħu, wara talba mid-dipartiment tal-pulizija fi f'ndan il-Ministeru għall-Protezzjoni taċ-Ċittadini. L-Opinjoni 44/2014 hija favur l-estensjoni tal-perjodu ta' detenzjoni tal-migranti għal żmien indefinit u sa meta dawn ikunu jistgħu jiġu deportati, dejjem jekk diġa tkun ittieħdet deċiżjoni dwar id-deportazzjoni iżda ma kienx possibbli li din tiġi implimentata. Din l-Opinjoni tistabbilixxi li l-awtoritajiet jistgħu mill-ġdid iressqu talba lill-migrant biex dan jitlaq b'mod volontarju. Jekk, f'dak li għandu x'jaqsam mar-ritorn jew id-deportazzjoni, il-migrant jerġa' 'jonqos' milli jikkoopera, u jekk l-awtoritajiet iqisu li jeżisti 'riskju ta' ħarba', dawn jistgħu jagħtu ordni biex il-migrant jibqa' f'detenzjoni sakemm ikun possibbli li jiġi deportat. Id-deċiżjoni tipprova li ssir aberrazzjoni ġuridika, jiġifieri li l-migrant jinħeles, filwaqt li, madankollu, jingħata klawżola restrittiva li timponilu/ħa li jibqa'/tibqa' fil-perimetru taċ-ċentru ta' detenzjoni sakemm tkun tista' ssir id-deportazzjoni. Din id-deċiżjoni qed issir f'mument kruċjali, jiġifieri meta kważi wasal fi tmiemu l-limitu massimu taż-żmien għad-detenzjoni legali ta' eluf ta' migranti arrestati u detenuti (bejn wieħed u ieħor 7 500 persuna) bħala parti mill-operazzjonijiet ġenerali li ilhom għaddejjja mill-ħarifa tal-2012 magħrufa bħala "Xenios Zeus", b'ħafna detenuti li huma persuni li ma jistgħux imorru lura f'pajjiżhom u li jinsabu mblukkati f'kundizzjonijiet inaċċettabbli ta' detenzjoni.

Fid-dawl tal-Artikolu 15 tad-Direttiva tar-Ritorn, li jipprevedi estensjoni massima assoluta ta' 12-il xahar (apparti s-sitt xhur li jingħataw inizjalment) f'każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni, il-fatt li l-prattika ta' detenzjoni għandha tiġi applikata biss fejn ma teżistix soluzzjoni oħra, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (Kawża C 357/09 Kadzoev) li tikkonferma l-obbligu tal-Istati Membri li ma jaqbżux il-perjodu massimu ta' detenzjoni ta' 18-il xahar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-QEDB b'rabta mal-kawża tal-2007, John kontra l-Greċja, li kkundannat il-prattika li jingħata ħelsien proforma lil persuna biex imbagħad din terġa' tiġi detenuta taħt ordni ta' detenzjoni ġdid, il-Kummissjoni hija ġentilment mitluba twieġeb għall-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni msemmija hawn fuq tippreżenta ksur min-naħa tal-Greċja tad-drittijiet tal-bniedem u tad-Direttiva tar-Ritorn? Liema passi ħadet s'issa l-Kummissjoni? Il-Kummissjoni se tagħti bidu għal proċedura ta' ksur?
2. Fid-dawl tar-rapport reċenti tat-Tobba Mingħajr Fruntieri (MSF) intitolat 'Tbatija inviżibbli. Perjodi ta' detenzjoni mtawla u detenzjoni sistematika ta' migranti u persuni li jfittxu asil f'kundizzjonijiet ta' kwalità baxxa fil-Greċja', il-Kummissjoni diġà ħadet xi miżuri biex iġġib fi tmiem il-prattika sistematika u li ma tagħmilx distinzjoni tad-detenzjoni inumana ta' migranti u persuni li jfittxu l-asil fil-Greċja?
3. Fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politika tar-Ritorn tal-UE li ġiet ippubblikata reċentament u li tinkludi Rapport ta' Implimentazzjoni rigward id-Direttiva tar-Ritorn, il-Kummissjoni kontra liema Stati Membri tat bidu għal proċeduri ta' ksur, u għal liema raġunijiet? Kontra liema Stati Membri oħrajn se tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur?

Imressqa: 7.4.2014

Mgħoddija: 9.4.2014

L-iskadenza għat-tweġiba: 16.4.2014